MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2005

Appell Civili Numru. 1106/2000/1

**Joseph Muscat, l-Imhallef Alberto Giuseppe, Sandro u Renato ahwa Magri, Yvonne armla ta’ Anthony de Domenico u Jane mart David Pullicino**

**v.**

**L-Avukati Dr Michael Tanti Dougall u Dr Mark Busuttil kemm personalment kif ukoll ghan-nom u in rapprezentanza tad-ditta Busuttil, Tanti-Dougall & Associates u b’verbal tat-23 ta’ Marzu 2001, giet kjamata fil-kawza u s-socjeta` ‘Westminster Securities Limited’**

**Il-Qorti:**

**PRELIMINARI**

1. Dan l-appell kien thalla ghas-seduta tal-lum ghas-sentenza in difett ta' ostakolu.

2. Illi flimkien mar-rikors ta' appell, is-socjeta` kjamata in kawza Westminster Securities Limited, ko-appellanti f'din il-procedura, dehrilha opportun li tannetti numru ta' dokumenti markati bhala Dok 02 (ara fol. 81 – 95 fl-atti ta' l-appell) in sostenn tas-sottomissjonijiet taghha;

3. Illi mir-risposta ta' l-atturi appellati tirrizulta espressament mhux biss l-opposizzjoni taghhom ghall-produzzjoni ta' l-imsemmija dokumenti, imma fiha talbu wkoll li dawn id-dokumenti ghandhom jigu sfilzati;

4. Illi fil-kors tat-trattazzjoni, din il-Qorti ma jirrizultalhiex li dan il-punt gie debitament ittrattat ghar-raguni li l-partijiet fil-kawza kkoncentraw it-trattazzjoni taghhom fil-meritu tal-vertenza u ma elaborawx fuq din il-pregudizzjali.

**DIGRIET TA' DIN IL-QORTI**

5. Billi, fil-fehma tal-Qorti, jidher opportun li qabel xejn jigi trattat ukoll u epurat darba ghal dejjem il-punt dwar l-ammissjoni o meno ta' l-imsemmija dokumenti f'dana l-istadju, hija qeghda fl-ewwel lok tissospendi l-prolazzjoni tas-sentenza, u thalli l-appell ghat-trattazzjoni ta' l-oggezzjoni sollevata mill-appellati, bla hsara ta' dak li gie trattat diga` fil-meritu; u dan interament bla pregudizzju ghall-eccezzjoni ta' rikuza ta' din il-Qorti kif komposta sollevata mis-socjeta` Westminster Securities Limited bir-rikors taghha tat-28 ta' Settembru 2005, liema eccezzjoni ghandha qabel xejn tigi determinata bhala l-ewwel haga fl-udjenza li jmiss.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------